MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru. 1128/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Joseph Compagno ta' 27 sena, iben Wilfred u Beverley Claire nee` Hodge, data tat-twelid 25 ta' Gunju, 1982, Pieta bla indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita` 405382(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Compagno li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Novemberu, 2008, ghal habta tal-hamsa ta' filghodu (05.00am) minn gewwa Swieqi, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Peurgeot,

numru ta' registrazzjoni IBF508, li tiswa aktar minn Euro 2331.00, ghad-dannu ta' Michael Peter Sachs u Simon Grima, liema serq huwa aggravat bil-'valur', bix-xorta ta' haga misruqa', bil-'mezz' u bil-'persuna'

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe` vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni IBF508 ghad-dannu ta' Michael Peter Sachs u Simon Grima.

3. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Sharp li jiswa Euro 70 u Euro 40 fi flus kontanti ghad-dannu ta' Michael Peter Sachs liema serq huwa aggaravat 'bil-persuna'.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Michael Peter Sachs.

5. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tat-22 ta' Dicembru, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tax-xorb. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' Eric Vellla u Vicky Scicluna mill-Agenzija SEDQA illi l-imputat wasal biex jibda programm sabiex jeghleb dana l-vizzju u ghalhekk piena karcerarja effettiva mhix idonea f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(g)(b)(d), 263 u 267, 268(b), 271(g), 325, 221, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-huwa jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tax-xorb.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation li jkun qed isegwih.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------